# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Avviż Nru: 262/2017 LC

**G.S. REC LTD**
**(C-17963)**

*vs*

**AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA**
**KUNSILL LOKALI ŻEJTUN**

**Illum, 08 ta' Frar 2023**

Il-Qorti,

Rat l-avviż ippreżentat mis-soċjetà rikorrenti G.S. Rec Ltf fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €10,000 rappreżentanti valur ta' trakk Skip Loader Scania fin-numru ta' reġistrazzjoni GRN-444 li kien sofra danni irreparabbli f'inċident stradali li seħħ nhar 4 ta' Ottubru 2016 ġewwa vjal il-25 ta' Novembru, Żejtun meta nqabad ma' siġra li kienet qed tostakola l-istess triq.

Bl-ispejjeż inkluż dawk ta' ittra uffiċjali datata 25 ta' Jannar 2017 u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din l-istess ittra uffiċjali kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta fejn eċċepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, għandu jkun hemm korrezzjoni fl-okkju sabiex isem l-esponenti jaqra l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta;
2. Illi fuq bażi preliminari wkoll, l-Awtorità' intimata m'hijiex il-leġittima kontradittriċi stante li t-triq fejn seħħ l-allegat inċident ma taqax taħt il-kompetenza tal-Awtorità' esponenti. In oltre, l-Awtorità' esponenti m'hijiex responsabbli għal manutenzjoni ta' siġar;
3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità' esponenti tirrispinġi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet miġjuba kontra tagħha bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt;
4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità' esponenti mhijiex responsabbli għall-inċident in kwistjoni;
5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jinkombi fuq is-soċjetà' rikorrenti li tagħmel prova tad-danni allegati u konsegwentement, id-danni reklamati qed jiġu kkontestati.
6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe każ, l-Awtorità' esponenti ma għandhiex tiġi kkundannata tħallas l-imgħax, l-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-ittra uffiċjali datata l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-riposta tal-Kunsill Lokali Żejtun, fejn eċċepixxa s-segwenti:-

1. It-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-eċċipjenti huma nfondati fil-fatt u fil-liġi billi l-eċċipjenti ma taħti bl-ebda mod għall-inċident stradali allegat mis-soċjetà' attriċi jew għad-danni konsegwenzjali li l-istess attriċi tallega li sofriet;
2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri, wara li l-attriċi tispjega l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali;

Semgħat x-xhieda;

Semgħat it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi l-każ odjern jirrigwardja inċident stradali li seħħ fl-4 ta' Ottubru 2016 ġewwa Vjal il-Ħamsa u Għoxrin ta' Novembru, iż-Żejtun. Din it-triq għandha żewġ karreġġjati f'direzzjoni opposti ta' xulxin. F'din it-triq hemm siġar f'kull ġenb u tul il-maġġor parti tat-triq.

Illi dakinhar tal-inċident, Ahmed Betamar kien qed isuq trakk bi skip loader bin-numru ta' reġistrazzjoni GRN-444 propjetà tas-soċjetà rikorrenti. Hu kien għaddej bix-xogħol tiegħu fid-direzzjoni minn Tal-Barrani dieħel għaż-Żejtun. F'ħin minnhom waqt li t-trakk kien qed jinstaq, il-*boom* tal-*iskip loader*, ċioè dik il-parti l-għolja li titla' u tinżel sabiex tgħabbi jew tħott l-*iskips* fuq it-trakk, inqabdet ma' siġra fil-ġenb tat-triq u dawret lit-trakk bil-konsegwenza li baqa' dieħel ġo siġra oħra. Riżultat ta' dan l-impatt, it-trakk u l-makkinajru ta' l-*iskip loader* sofrew diversi danni konsiderevoli. Fuq il-post marru marru PC 1010 Andrea Zahra flimkien ma żewġ kuntistabbli oħrajn kif ukoll Jason Coupe, impjegat mas-soċjetà rikorrenti.

Illi s-soċjetà rikorrenti ingaġġat lis-surveyor Natalino Agius li fir-rapport tiegħu qal li sforz ta' dan l-impatt, it-trakk u l-makkinarju tal-*iskip loader* sofrew danni konsiderevoli. Kellu d-danni fuq in-naħa tax-xellug u fil-kabina tat-trukk fost l-oħrajn. Il-ħsarat kienu estensivi u minħabba l-età tat-trakk, huwa diffiċli ferm li jinstabu l-*parts* meħtieġa għat-tiswija. Hemm indikazzjonijiet serji wkoll li c-*chassis* tat-Trakk huwa ddanneġġat ukoll. Dawn il-ħsarat kollha, u d-diffikultajiet sabiex jissewwew irrendew lit-trakk *beyond economical repair*. Fir-rapport tiegħu hu jikkonkludi li l-*pre accident value* tat-trakk huwa ta' madwar għaxart elef ewro (€10,000).

Ikkonsidrat;

Illi **PC 1010 Andrea Zahra** qal li meta mar fuq il-post hu ra t-trakk maħbut mas-siġar u seta' wkoll jinnota xi zkuk tas-siġar maqsumin u li waqgħu ma' l-art. Qal li hu kellem lix-xufier fuq il-post li min-naħa tiegħu qallu li kien qed isuq u ma kkalkulax is-siġra bażikament li kienet 'il-barra u qabadha bil-biċċa ta' wara.[1] Xehed li din it-triq hija kollha siġar u minn naħa tiegħu dawn rari jinżabru u ma jinnegax li kien hemm xi zkuk li kienu 'l-barra. Qal li meta mar fuq il-post, it-trakk kien eżatt mas-siġra, ovvjament għax kien ħabat. Qal li jekk wieħed ikun ġej minn naħa tal-Barrani dieħel għaż-Żejtun, l-inċident seħħ fuq ix-xellug tat-triq, jikkalkula li kien hemm xi 2 jew 3 siġar involuti. Qal, li z-zkuk huma ħoxnin u l-impatt kien naqra qawwi għall-ħabta li kien hemm. Qal li z-zkuk jaqilbu nara lejn it-triq.

Illi **Karen Cremona**, Executive ġewwa d-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art fi ħdan Transport Malta xehdet li skont l-Avviż Legali XXIX tal-2010, fejn it-triq tkun arterjali jew distributorja, il-manteniment u titjib tagħha hija responsabibiltà ta' Transport Malta, filwaqt li jekk ma tkunx triq ta' din il-kategorija, il-manteniment u titjib hija responsabilità tal-Kunsill Lokali. Xehdet, madanakollu li din it-triq partikolari fejn seħħ l-inċident la hija triq arterjali u lanqas distributorja u dan kif jirriżulta minn lista' ta' Toroq Arterjali u Distributorji ppreżentata minnha stess. Xehdet li fl-1999, l-Awtorità tal-Ippjanar ma kienitx ikkategorizzat din it-triq bħala waħda arterjali jew distributorja u b'hekk ilha minn dik is-sena 'l-quddiem responsabilità tal-Kunsill Lokali ta' Żejtun.

Xehdet ukoll li minn riċerka li hi għamlet ma jirriżultax li qatt inħarġet liċenzja tas-sewqan a favur ta' Ahmed Betamar mill-awtoritajiet Maltin. Murija liċenzja internazzjonali ta' l-istess Betamar preżentata in atti[2] qalet li dik hija kopja ta' *international driving licence* maħruġa mit-Turkija. Qalet li peress li t-Turkija m'hijiex pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea, biex

[1] Ara fol. 31 tal-atti proċesswali.
[2] Ara fol. 195 tal-atti proċesswali.

persuna minn dak il-pajjiż tkun tista' ssuq f'Malta teħtieġ ukoll il-liċenzja tas-sewqan tat-Turkija. Qalet li l-liċenzja internazzjonali tas-sewqan waħedha m'hijiex biżżejjed biex persuna minn dak il-pajjiż issuq f'Malta. Apparti minn hekk, liċenzja tas-sewqan li m'hijiex maħruġa minn pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea għandha validità f'Malta għal żmien sena minn meta persuna tidħol l-aħħar f'Malta u dan kif jirriżulta mir-Regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18.

Illi xehed ukoll **Dr Daniel Saliba**, junior legal officer fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qal li mir-records li huma għandhom, din it-triq ilha r-responsabilità tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun sa mill-2010 u li skont l-Artikolu 33(1)(a) tal-Att Dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta), din ir-responsabilità testendi biss għal manutenzjoni tat-triq. Xehed li l-Kunsill Lokali kien irċieva fondi ġenerali għall-manutensjoni tat-toroq li jaqgħu fil-mansjoni tiegħu.

Illi xehed ukoll **Anton Falzon**, segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun fejn qal li t-triq hija wiesgħa biżżejjed biex jgħaddu vetturi kbar, tant li jekk jitpoġġew żewġ vetturi żgħar ħdejn xulxin, dawn jgħaddu wkoll. Qal li hu flimkien mas-sindku ta' dak iż-żmien, il-mibki Joe Attard marru fuq il-post u raw l-inċident, ċioè raw it-trakk imwaħħal mas-siġra. Qal li din hija t-triq pjuttost traffikuża għax hija d-dħul prinċipali għaż-Żejtun. Qal li f'din it-triq jgħaddi minn kollox, min karozzi, sa *containers* u *double deckers*. Qal li minn din it-triq jidħlu *double deckers* bit-turisti diversi drabi, bejn tmienja u għaxar darbiet kuljum.

Qal li s-siġar f'din it-triq jieħdu ħsiebhom huma  bħala Kunsill Lokali taż-Żejtun bil-kuntrattur privat tagħhom. Qal li jsir *hard pruning* (ċioè żbir ta' zkuk li jkollhom daqs konsiderevoli) kull meta jkun hemm bżonn fuqhom, bejn wieħed u ieħor darba fis-sena,  kif ukoll *light pruning* (żbir ta' natura estetika) jekk kemm-il darba jkun hemm bżonn. Jikkonferma li kemm ilu segretarju eżekuttiv, f'dawn l-aħħar għaxar snin, qatt ma kien hemm

inċidenti f'din it-triq. Qal li wara l-inċident, peress li parti mis-siġra tqaċċtet, kellhom jagħmlu *hard pruning* tagħha.

Illi xehed **Jason Coupe** fejn qal li hu impjegat bħala *operations manager* mas-soċjetà rikorrenti. Qal li hu mar fuq il-lok ftit wara li seħħ l-inċident u minn dak li ra hu seta jikkostata li l-*boom* tal-iskip loader laqat siġra li kienet fil-baxx u baqa' dieħel fis-siġar li kien hemm. Qal li l-ewwel siġra x'ħin tidħol fit-triq kienet tesporġi ftit 'l-barra fit-triq peress li kibret la ġenba lejn it-triq. Qal li kieku kienet 'l barra ħafna, it-trakk kien ikisser il-fergħat però dan ma seħħx għaliex it-trakk laqat iz-zokk. Hu kkonferma li ħa r-ritratti eżebiti bħala dok DBS 3 – DSB 7 li juru l-inċident.

Illi xehed **Ahmed Betamar**, ix-xufier li kien qed isur it-trakk, fejn qal li hu kien impjegat bħala xufier mas-soċjetà rikorrenti. Qal li ilu jsuq f'Malta għal madwar sena qabel l-inċident. Qal li dakinhar tal-inċident kien sejjer lejn iż-Żejtun. Qal li kien qed isuq bi speed normali u f'ħin minnhom waħda mill-booms tat-trakk inqabdet ma' siġra. Qal li t-trakk dar u ħabat ma siġra oħra. Qal li fuq il-post marru l-pulizija u persuna Ingliża li taħdem miegħu. Qal li beda jsuq f'Malta minn Ġunju 2016 u li għandu liċenzja tas-sewqan internazzjoni. Qal li kien qed isuq fil-karreġġata t-tajba u ma kienx hemm traffiku. Qal li t-trakk qabad zokk tas-siġra, għax kienet sporġuta 'l-barra fit-triq u inġibed għal-fuq ix-xellug tiegħu. Qal li dik kienet l-ewwel darba li għadda minn din it-triq bit-trakk.

Xehed **Salvu Cumbo**, fejn qal li hu għandu negozju bit-trasport ta' trakkijiet kemm magħluqin kif ukoll taż-żiemel. Qal li hu, jew l-impjegati tiegħu, ilhom jgħaddu diversi drabi minn din it-triq kuljum għal dawn l-aħħar għaxar snin u għalkemm hemm siġar li jisporġu 'l barra qatt ma kellhom inċident bihom. Qal li wħud mit-trakkijiet tiegħu huma għoljin daqs *skip loader* u meta jgħaddu minn din it-triq joqgħodu attenti biex ma jolqtux siġar. Qal li madwar 20 sena qabel ma xehed, kien hemm inċident fejn persuna ttajret propju għaliex karozza tal-linja kienet qed issuq lejn nofs it-triq biex tevita s-siġar. Qal li minn xi 6 snin ilu 'l hawn, madanakollu, is-siġar inżabru.

Xehedu diversi xhieda oħrajn, fosthom is-surveyor Natalino Agius, Doris Sammut Bonnici u Tania Marie Khaseb mis-soċjetà rikorrenti u Anton Falzon mill-Kunsill Lokali ta' Żejtun

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel eċċezzjoni li l-Qorti ser tikkonsidra hija dik mogħtija mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, ċioè li m'hijiex leġittimu kontradittur fil-preżenti proċeduri.

Illi l-proviso tar-Regolament 3 tal-Avviż Legali 29 tal-2010[3] jistipola li fejn fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni tagħha għandu jipprovdi għalihom il-Kunsill Lokali. Illi dan il-*proviso* huwa konformi wkoll ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 33 tal-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi l-Qorti jeħtieġilha tistħarreġ jekk triq il-25 ta' Novembru, ż-Żejtun hijiex responsabilità tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew tal-Kunsill Lokali Żejtun. Illi r-rappreżentant ta Transport Malta Karen Cremona ressqet provi u kkonfermat illi t-triq *de quo* la hija waħda arterjali u lanqas distributorja u dan kif jirriżulta mil-lista ta' toroq ppreżentata minnha stess a fol. 128 tal-atti proċesswali. Illi dan il-fatt ġie kkonfermat ukoll mir-rappreżentant tal-Gvern Lokali Dr. Daniel Saliba li ppreżenta dokumentazzjoni li turi li effettivament din it-triq hija r-responsabiltà ta' l-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Di più, l-istess Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Anton Falzon ikkonferma illi din it-triq hija r-responsabilità tagħhom u li filfatt għandhom kuntrattur ingaġġat sabiex jożbor is-siġar f'din it-triq skont il-bżonn.

---

[3] Dan l-avviż ġie abrogat permezz tar-regolament numru 49 tal-Avviż Legali 291 tal-2018 li jistipola "**49**. Ir-Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq huma b'dawn imħassra mingħajr preġudizzju għal kull ħaġa li saret jew naqset milli ssir taħthom"

Illi b'hekk, joħroġ ċar mill-provi prodotti illi l-manutenzjoni ta' din it-triq hija r-responsabilità tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun u li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta m'għandha l-ebda responsabilità versu din it-triq.

B'hekk, il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità għal-Trasport F'Malta.

Ikkonsidrat;

Imiss issa li l-Qorti teżamina l-mertu tal-każ sabiex tiddetermina ta' min kienet ir-responsabilità tal-inċident *de quo*, ossija jekk għandux jinżamm responsabbli l-Kunsill Lokali taż-Żejtun għal dan in-nuqqas.

Illi mill-provi prodotti, il-modalità ta' kif seħħ l-inċident *de quo* hija indiskussa. Jirriżulta mhux kontradett li din it-triq għandha s-siġar fuq żewġ naħat, b'interess partikolari għal dan il-każ għas-siġar fuq in-naħa tax-xellug tat-triq fid-direzzjoni minn Tal-Barrani għaż-Żejtun. Bħala stat ta' fatt, Ahmed Betamar kien qed isuq it-trakk bi *skip loader* minn triq il-25 ta' Novembru iż-Żejtun u li għal xi raġuni, il-*boom* tal-*iskip loader* inqabdet ma zokk ta' siġra bil-konsegwenza li t-trakk dar u ħabat ġos-siġra li nqabad fiha u ma siġra oħra.

Illi mir-ritratti ppreżentati mix-xhud Doris Sammut Bonniċi jirriżulta illi l-kabina tat-trakk tgħaffġet ma siġra,[4] jirrizulta wkoll li t-trakk kien mingħajr skip fuqu[5] u jirriżulta li dan inqabad ma' zokk ta' siġra[6] u baqa' dieħel f'zokk ta' siġra.[7]

Illi kemm mix-xhieda mogħtija mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun kif ukoll mix-xhud Salvu Cumbo irriżulta li din it-triq hija użata

[4] Ara Dok DSB3 u 4 a fol. 27 u 28 tal-atti proċesswali.
[5] Ara Dok DSB7 a fol. 30 tal-atti proċesswali.
[6] Ara Dok DSB5 a fol. 29 tal-atti proċesswali.
[7] Ara Dok DSB6 a fol. 31 tal-atti proċesswali.

ħafna minn trakkijiet u vetturi ta' daqs konsiderevoli. Jirriżulta li għalkemm verament hemm is-siġar fil-ġnub tat-triq dan kien inċidenti singolu.

Il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza **Dr Pierre Ellul et vs Alexis Bonnici**[8] fejn intqal li:

> *"Fil-kaz ta' kolpa akwiljana n-ness ta' kawzalita` jirriferixxi ghar-rapport li jorbot il-kondotta ma' l-event dannuz. Tali kondotta trid tigi valutata mhux biss fuq il-bazi ta' gudizzju ex post izda ghandha tigi konsiderata wkoll bi previzjoni ex ante ghall-event."*

Illi mix-xhieda prodotta jirriżulta li dan l-inċident kien singulari fis-sens li għalkemm it-triq hija traffikuża u għalkemm, kif diġà ingħad, jgħaddu minnha diversi inġenji kbar regolarment, il-fatt li seħħ dan l-inċident, jimmilita aktar lejn it-teżi li kien ix-xufier li naqas fil-kondotta tiegħu aktar milli l-allegat perikolu kkaġunat mil-posizzjoni tas-siġar. Illi dan qed jingħad ukoll għaliex ġie pprovat a sodisfazzjoni tal-Qorti li dawn is-siġar jinżabru regolarment mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun u dan propju biex ma jikkawżaw ebda perikolu għall-utenti tat-triq. Jirriżulta ampju li l-Kunsill Lokali jżomm is-sigurtà ta' din it-Triq f'livell ampju tant li dan kien inċident singolu.

Illi fis-sentenza **Untours Insurance Agents Ltd vs Etienne Saliba**[9] ġie ritenut illi

> *"huwa magħruf li hija regola ġenerali fi kwestjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbilta' f'ħabta, li kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri (a) li jirregola s-sewqan tiegħu skond iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u (b) li jzomm attenzjoni*

[8] **Dr Pierre Ellul M.D et vs Alexis Bonnici**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 10 ta' Ottubru 2005 (Appell Ċiv Nru 1298/2004/1)
[9] **Untours Insurance Agents Ltd vs Etienne Saliba**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 29 ta' Jannar 2004 (Rik Ġur Nru. 643/2001/1 JRM)

> *(proper look-out) dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih.* [Ara, per ezempju, App. Krim. Inf. 20.3.2003 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Neville John]"

Illi b'rabta mal-każ *de quo* ix-xufier stess xehed li din hija l-ewwel darba li għadda minn din it-triq b'din it-tip ta' vettura u xehed ukoll li ma jafx kif seħħ l-inċident. Illi di più, ix-xhud Jason Coupe, għalkemm ta' d-dettalji tal-aspett fiżiku ta' kif seħħ l-inċident, ma kienx f'posizzjoni jgħid x'wassal għal dan l-inċident, u dan primarjament għax ma kienx preżenti fil-mument li seħħ l-inċident.

Illi mill-provi prodotti rigward id-*debris* mħolli mal-inċident, għalkemm kien hemm zkuk u weraq mal-art, minn imkien ma rriżulta li tqaċċat xi zokk, jew zkuk, li huma ħoxnin biżżejjed biex iżommu trakk li kien għaddej b'veloċità ta' 41.24kmh[10] iżda li huma dgħajfin biżżejjed biex jitqaċċtu mal-impatt. Li rriżulta mir-ritratt eżebit bħala Dok DSB 5, madanakollu, hija daqqa konsiderevoli fuq wieħed miz-zkuk ewlenin li jifforma parti miz-zokk prinċipali tas-siġra. Dan iz-zokk, għalkemm għandu sinjali ta' ħsarat, huwa b'saħħtu biżżejjed sabiex żamm it-trakk waqt li kien għaddej fis-sewqan. Fil-fehma tal-Qorti, huwa dan il-punt li fiħ seħħ l-impatt bejn is-siġra u l-*boom* tal-iskip loader u li wassal għall-inċident *de quo*.

Illi fil-fehma tal-Qorti, mill-provi prodotti huwa evidenti li x-xufier Ahmed Betamar ma kienx qed iżomm il-*proper lookout* meħtieġ fis-sewqan u ma kienx qed jirregola s-sewqan tiegħu fid-dawl tas-siġar eżistenti billi, fost l-oħrajn, isuq it-trakk ftit 'l barra minnhom. Bil-fatt li seħħ dan l-impatt, jirriżulta li x-xufier kien qed isuq viċin wisq tas-siġar u ma kiex qed jittendi għall-għoli tal-*boom* tal-*iskip loader*. B'hekk, dan l-inċident seħħ unikament tort tal-istess xufier, li kien impjegat mas-soċjetà rikorrenti.

---

[10] Ara l-elenku ta' tracking tal-trakk, preżentat bħala dok DSB8 a fol. 33 tal-att proċesswali.

Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, is-soċjetà rikorrenti ma rnexxielix tipprova t-talbiet tagħha sal-grad rikjest mil-liġi.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi

Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tat-Awtorità għat-Trasport f'Malta billi tiddikjaraha bħala li m'hijiex leġittimu kontradittur u b'hekk qed tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-istess Awtorità;

**Tiċħad** it-talbiet kollha tas-soċjeta G.S. Rec Ltd filwaqt li qed tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun.

Bl-ispejjeż kemm tal-preżenti kif ukoll tal-Ittra Uffiċjali datata l-25 ta' Jannar 2017 huma a karigu esklussiv tas-soċjetà rikorrenti.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**